# ST JEANNE ANTIDE FOUNDATION (SJAF)

**FONDAZZJONI SANTA GIOVANNA ANTIDE**
51 Tarxien Road, Tarxien TXN 1090
Tel. 21808981; 27672367
email: sjafngo@gmail.com
website: www.antidemalta.com
Facebook: Sjaf Antide Centre
Reġistrazzjoni: VO/005


*Il-Fondazzjoni hija organizzazzjoni mwaqqfa mis-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Giovanna Antide b'kollaborazzjoni ma' lajċi. Titmexxa minn Bord ta' Gvernaturi b'kap eżekuttiv. Toffri numru ta' servizzi inkluż dawk lill-parroċċi ġirien.*



**Ċentru Antida**
*- ċentru ta' merħba*

"Il-qawwa tagħna mhix ġejja minna, imma mill-grazzja Divina u mill-umiltà."

Santa Giovanna Antida DL:20



## SERVIZZI

**CENTRU ANTIDA** — Ċentru ta' merħba (drop-in-centre) għal kull min għandu xi diffikultà, ħtiġijiet partikolari jew bżonn ta' informazzjoni dwar servizzi. Miftuħ kuljum, bejn id-7.30 ta' filgħodu u l-5.30/ 7.30 ta' filgħaxija fix-xitwa u bejn is-7.30 ta' filgħodu u s-1.30 ta' wara nofsinhar fis-sajf. **Sit:** 51 Triq Ħal Tarxien, Tarxien. Professjonisti u voluntieri joffru firxa ta' servizzi f'dan iċ-Ċentru.



## SERVIZZ LWIEN

**Appoġġ għall-qraba ta' min isofri minn mard mentali:** kunsultazzjonijiet bħala familja ma' Senior Psychiatric Nurse; aċċess għal social work; Support Groups u gruppi oħra ta' appoġġ.

## SERVIZZ TA' SOCIAL WORK U COUNSELLING

Min ikollu bżonn jiltaqa' ma' Social Worker jew Counsellor jista' jasal wasla saċ-Ċentru Antida jew iċempel għal appuntament. Grupp ta' voluntieri u *nurse* iżuru persuni li jħossuhom weħidhom u maqtugħa għax ma joħorġux minn darhom. Familji jiġu riferuti mill-Kappillani tal-parroċċi tal-madwar u minn servizzi tas-saħħa u saħħa mentali. Isir xogħol fil-komunità (community work).




Persuni li jirrikorrru għall-appoġġ jiġu mħeġġa kemm li jagħmlu xogħol volontarju kemm ukoll li jieħdu sehem f'xi kors dwar temi ta' interess għalihom jew xi grupp ta' appoġġ offruti kemm mill-Fondazzjoni kif ukoll minn organizzazzjonijiet oħra.

## SERVIZZ TA' APPOĠĠ FIT-TAGĦLIM

**Appoġġ għall-Homework** – immirat lejn tfal u adoloxxenti li għandhom nuqqas t'appoġġ edukattiv adegwat id-dar. Dan is-servizz jgħin biex it-tfal ikampaw aħjar fl-istudji tagħhom. Hu miftuħ għal tfal minn familji mgħejuna mis-Social Workers fi ħdan dan is-servizz.

**Korsijiet ta' taħriġ varji** - organizzati għal adulti vulnerabbli u voluntieri tal-Fondazzjoni. It-temi jkunu marbuta ma' ħtiġijiet indikati mill-parteċipanti stess li jkunu qed jiffaċjaw sfidi partikolari fil-ħajja.

**Klabbs Nanna Kola** – klabbs edukattivi għan-nanniet li jieħdu ħsieb in-neputijiet. Matul il-laqgħat jipprattikaw flimkien attivitajiet prattiċi li jferrħu lit-tfal waqt li fl-istess ħin huma edukattivi u jħeġġu l-ħajra u l-ħila għat-tagħlim. Twettqu klabbs f'Ħal Tarxien, M'Scala, Paola, B'Kara, Fleur-de-Lys, u Ħaż-Żabbar.







## PROĠETTI TA’ ĦIDMA FIL-KOMMUNITÀ (Community Work)



**Il-Proġett VINĊI f’Ħaż-Żabbar** li permezz tiegħu familji vulnerabbli qed jaċċessaw servizzi soċjo-edukattivi b’risq individwi u familji vulnerabbli. Il-ħidma titwettaq id f’id mal-parroċċa u l-ħaddiema pastorali tagħha. Jingħata appoġġ minn tim li jinkludi Social Workers, Community Workers, Counsellors, Mental Health Nurse, qassis u voluntiera. Il-bażi ewlenija hi fl-uffiċini fl-ewwel sular tal-Uffiċċju Parrokkjali biswit il-knisja parrokkjali. Isir outreach f’6 żoni, inkluża ż-Żona tal-Housing. Din hija inizjattiva li qed titwettaq b’appoġġ finanzjarju mill-ISTRINA tal-Malta Community Chest Fund.

**Il-Proġett Ġamra fil-Fgura**: Servizzi soċjo-edukattivi fil-komunità tal-Fgura b’risq individqi u familji vulnerabbli mwettaq id f’id mal-parroċċa u l-ħaddiema pastorali tagħha. Il-bażi hi f’uffiċċju fil-binja parrokkjali. Isir outreach f’żoni tal-Housing. Din hija inizjattiva li qed titwettaq b’appoġġ finanzjarju mill-Voices Foundation. Tel: 79602595

## VOLONTARJAT SOĊJALI

Firxa ta’ opportunitajiet għal ħidma volontarja għal persuni ta’ kull età. Matul is-sena jagħtu sehemhom madwar 64 voluntieri.



## ĦIDMA TA' ŻVILUPP F'PAJJIŻI FEJN HEMM IL-FAQAR

Għenna lir-Reġjun tal-Pakistan tas-Sorijiet tal-Karità biex tinbena mill-ġdid klinika tas-saħħa li sofriet ħsarat bit-terremot tal-2005. Il-Grace Clinic ġewwa Chak 4 f'Faisalabad toffri servizzi ta' saħħa primarja lil aktar minn 50 foqra kuljum, l-aktar nisa u tfal. Qed jinbeda proġett ta' Żvilupp ta' Komunità fis-South Sudan u qed jiġu żviluppati proġetti oħra b'risq il-foqra.

## SĦUBIJI

Il-Fondazzjoni hija affiljata ma': il-Mental Health Associa-tion – Malta; l-Anti-Poverty Forum – Malta; SKOP (Solidarjetà u Koperazzjoni); l-Malta Health Network; u ċ-Church Secretariat for Social and Charitable Action.

## PUBBLIKAZZJONIJIET

(i) Magażin elettroniku fit-tmiem ta' kull xahar jinkiseb mill-website;
(ii) Rapporti annwali;
(iii) Il-Kwiekeb fid-Dlam Jixegħlu – vjaġġi ta' tama mterrqa minn qraba ta' persuni b'mard mentali (bi sħab mal-Assoċjazzjoni għas-Saħħa Mentali).

## DONAZZJONIJIET

Napprezzaw donazzjonijiet li jagħmluha possibbli għalina biex inkomplu ngħinu familji vulnerabbli u foqra u nkunu ta' servizz effettiv għall-parroċċi tal-madwar.

- Ċekkijiet għandhom jiġu indirizzati lill-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida.
  Indirizz: 51 Tarxien Road, Tarxien TXN 1090
- Bank Transfer: **APS** 2000 0681 886 **BOV** 4002003379-0
  **HSBC** 013175021001 **BANIF** 00210404101
- Go/Vodafone/Redtouch: tista' tibgħat SMS vojt:
  €2.33 – 50617371 €4.66 – 50618095
  €6.99 – 50618909 €11.65 – 50619217
  Tirċievi lura SMS ta' ringrazzjament.
- Bank transfers minn pajjiżi oħra:
  APS Bank, 146/147, Antoine De Paul Square, Paola PLA1260
  Bank Code (Swift) APSBMTMT
  IBAN No: MT03 APSB 7708 0005 5047 2000 0681 886
  (l-aħħar 11-il numru huma n-numru tal-akkont)

***GRAZZI TASSEW U NWIEGĦDUKOM LI NITOLBU GĦALIKOM!***